# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 9**
**Citazzjoni numru 1200/10 MCH**

**Wara l-Atti ta' l-Ittra Ufficjali 4318/2010 tad-29 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet:**

**Id-Direttur Ufficcju Kongunt**

**v.**

**Mario Debattista u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2016 stante l-mewt ta' Mario Debattista fil-mori tal-kawza, il-gudizzju f'ismu gie trasfuz f'isem l-armla tieghu Pauline Debattista u f'isem uliedu Daniela mart Matthew Polidano, Roberta mart Roderick Mallia, Stefan Debattista u Randolph Debattista;**
**George Debattista**
**Guido Debattista**

**Il-Qorti:**

Preliminari;

Illi dan huwa appell ad istanza ta' Guido u George Debattista mis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Dicembru 2011,

li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u allura tilqa' t-talbiet attrici jew f'kaz li jintlaqa' biss it-tieni aggravju tvarja s-sentenza billi tordna lill-attur Mario Debattista jhallas l-ispejjez tal-"kawza; ghall-ahjar intendiment dik is-sentenza qed tigi riprodotta;

> "Rat ir-rikors ta' Mario Debattista tad-19 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:
>
> > "1. Illi dan ir-rikors qed isir in segwita ghall-ittra ufficjali premessa u fit-termini tal-art. 466 tal-Kodici ta' Procedura Civili;
> >
> > "2. Illi fil-konfront tal-esponenti t-talba attrici ma ghandhiex tintlaqa' ghaliex preliminarjament it-talba ghall-hlas ta' cens hija preskritta ghal hames snin;
> >
> > "3. Illi l-Ufficcju Kongunt irid jipprova minghajr pregudizzju l-intitolament u l-bazi tal-kreditu minnu reklamat u fil-konfront tat-tliet persuni indikati; partikolarment fil-konfont tal-esponenti, id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt ma ghandhux dritt ghaliex huwa inqata' totalment min-negozju gestit minn hutu;
> >
> > "4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma jistax ikun hemm solidarjeta passiva bejn it-tliet intimati,
> >
> > "Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-Ufficcju Kongunt fil-konfront tal-esponent ghar-ragunijiet fuq indikati;
>
> "Rat ir-risposta ta' George u Gudio ahwa Debattista li tghid hekk:
>
> > "1. Illi huma ntavolaw r-rikors 1204/10MCH fl-ismijiet George Debattista et vs Direttur tal-Ufficcju Kongunt et, li qieghed jimxi ma' din il-kawza, ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ghaliha jaghmlu umli referenza;
> >
> > "2. Illi huma qeghdin jaqblu mar-rikors odjern fejn dan huwa konsistenti ma' dak sottomess minnhom fil-proceduri mibdija minnhom, partikolarment it-tieni u r-raba' paragrafu;
> >
> > "3. Illi huma m'ghandhomx ibaghtu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, stante li huma jaqblu mall-kontenut ta' dan ir-rikors u effettivament ipprocedew huma wkoll sabiex jottjenu l-istess rizultat u certament gew inkluzi biss f'dawn il-proceduri minhabba l-integrita' tal-gudizzju;
>
> "Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt li tghid hekk:

"1. Illi b'riferenza ghat-tielet paragrafu tar-rikors imressaq mir-rikorrent, l-esponent iwieqeb li l-Gvern ta' Malta sar proprjetarju tal-mahzen mibni fuq plot 17, Tal-Fossi, Triq il-Mithna, Qormi, wara li dan gie ttrasferit lilu bis-sahha tal-ftehim li kien sar mas-Santa Sede nhar it-28 ta' Novembru 1991, liema ftehim jinsab konfezzjonat fil-Kap. 358 tal-Ligljiet ta' Malta. Fl-istess waqt, jigi rilevat ukoll li l-kreditu vantat mill-esponent kontra r-rikorrent jinsab imnissel mill-kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika datat 7 ta' Novembru 1979 (Dok. CFS1), liema kuntratt kien gle ffirmat bejn l-awturi tal-partijiet kontendenti f'dawn il- proceduri;

"2. Illi minn mindu l-proprjeta, mertu ta' din il-kawza, ghaddiet f'idejn l-amministrazzjoni tal-esponent u qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali fid-29 ta' Ottubru 2010, ir-rikorrent jew hutu qatt ma hallsu l-ebda pagament ta' kanone ta' cens u dan minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li sarulhom mal- medda taz-zmien (Dok. CFS3-8). F'dan il-kuntest, ghandu jinghad li fl-2001, ir-rlkorrent flirnkien ma' hutu l-intimati, kienu tramite l-avukat tal-fiducja taghhom, baghtu jinformaw lill-esponent li huma kienu accettaw li kienu debituri tal-esponent ghall-arretrati tac-cens ghall-perjodu bejn l-1996 u l-2001, izda tali hlas qatt ma sar (Dok. CFS9);

"3. Illi finalment u bla pregudizzju ghal predett, bi twegiba ghar-raba' paragrafu tar-rikors promotur, l-esponent jirreagixxi li r-rikorrent flimkien ma' hutu George u Guido Debattista kienu akkwistaw flimkien u solidalment il-mahzen inkwistjoni permezz tal-kuntratt tat-trasferiment tal-utile dominju datat 21 ta' Lulju 1982 (Dok. CFS2). Ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 1096 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa ma jistax jinvoka l-beneficcju tal-qsirn tal-obbligazzjoni;

"4. Salvi eccezzjonijiet ohra u b'rizerva li jekk ikun il-kaz ir-rikorrent jigi deferit ghall-gurament decizorju kif hemm provdut fl-artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Bl-ispejjez kollha inkluzii dawk tal-ittra ufficjali kontra r-rikorrent, ingunt mlnn issa ghas-subizzjoni;

"Rat il-provi u dokumenti prodotti f'din il-kawza u f'dik bin-numru 1200/2010MCH li ghaliha ghamlu referenza l-partijiet u li bi qbil il-provi u dokumenti esebiti f'dik il-kawza kienu jiffurmaw parti minn din il-kawza wkoll;

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-5 ta' Dicembru 2011.

"**Ikkunsidrat**

"Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi fis-7 ta' Novembru 1979, l-awtur tal-ahwa Debattista, certu Joseph Debattista akkwista b'titolu ta' cens temporanju ghal 150 sena erba' porzjonijiet art divizi formanti parti mill-ghalqa 'Tal-Fossi', Limiti ta' Hal-Qormi u Santa Venera minghand il-Prebenda Parrokjali tal-Mqabba u l-Qrendi (Dok. CFS1 fl-imsemmi process).

"B'kuntratt tal-21 ta' Lulju 1982 Joseph Debattista ittrasferixxa mahzen mibni fuq parti mill-art lill-Guido, George u Mario ahwa Debattista bl-utili dominju temporanju ghar-rimanenti perjodu fuq l-art li fuqha kien mibni l-mahzen verso cens annwu ta' Lm210 dovut lill-imsemmija Prebenda (Dok. CFS2 fil-process 1200/2010). Dan ic-cens kien rivedibbli kull 25 sena bl-ewwel revizjoni issir fis-7 ta' Novembru 2004.

"Hi l-kontenzjoni tal-Ufficcju Kongunt illi mindu sar dan it-trasferiment ma sar ebda pagament ta' cens u illi mill-verifiki li ghamel l-Ufficcju Kongunt mal-Kurja c-cens kien ilu ma jithallas mis-7 ta' Lulju 1990. Madankollu l-Ufficcju Kongunt qed jitlob hlas ta' cens minghand l-ahwa Debattista ghal perjodu bejn it-8 ta' Novembru 1993 u 7 ta' Novembru 2011.

"L-azzjoni odjerna hi msejsa fuq dak li jipprovdi subartikolu 2 tal-artikolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta u kwantu r-rikorrenti ahwa Debattista qed jitolbu li l-ittra ufficjali u dikjarazzjoni guramentata tar-rapprezentant tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt notifikati lilhom a termini tal-istess artikolu ma jsirilhom ebda effett ezekuttiv in kwantu t-talba tal-Ufficcju Kongunt hi infondata. Principalment qed jallegaw illi t-talba hi estinta minhabba preskrizzjoni.

"Ghal kull buon fini din il-Qorti qed titratta t-talbiet tal-ahwa Debattista kollha f'din il-kawza billi l-mertu hu l-istess f'din il-procedura u dik li fetah Mario Debattista wahdu (1200/2004).

"**Talba tal-prova tal-intitolament u l-bazi tal-kreditu vantat**

"Din it-talba saret minn Mario Debattista.

"Fir-risposta tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt tat-8 ta' Gunju 2011 hemm spejgat illi l-Gvern ta' Malta sar proprjetarju tal-mahzen in kwistjoni wara t-trasferiment li sar bis-sahha tal-ftehim mas-Santa Sede fit-28 ta' Novembru 1991 kif jirrizulta mill-Kapitolu 358 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kreditu jinsab imnissel mill-koncessjoni enfitewtika originali tas-7 ta' Novembru 1979 liema kuntratt sar bejn l-awturi tal-ahwa Debattista u l-awtur tal-Gvern ta' Malta.

"Din il-Qorti tqis tali spjegazzjoni sodisfacenti biex twaqqa' din it-talba. Inoltre din il-Qorti izied illi meta inkitbet l-ittra datata 22 ta' Mejju 2001 mill-avukat ta' Willis Garage, cioe l-isem tan-negozju gestit mill-ahwa Debattista ma jissemma xejn dwar it-titolu vantat mill-Ufficcju Kongunt. L-ittra riportata a fol. 33 tal-process Dok. CFS9 hi mibghuta lill-Ufficcju Kongunt u tittratta biss il-mertu tal-ammont semmai dovut qua cens lill-Ufficcju Kongunt fuq l-imsemmi mahzen. Hu minnu illi meta inghata l-gurament decizorju lil Mario Debattista fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2011 hu stqarr li kellu xi jghid ma hutu u kien ilu nieqes mill-ishubija xi 20 sena u ghalhekk ma kienx jaf bl-imsemmija ittra u l-kontenut taghha, jibqa' l-fatt illi l-ishubija ghadha mhix xolta ghax ghad hemm kawza pendenti dwar ix-xoljiment tal-ishubija (Citaz. 384/1995)

li ghadha quddiem il-Qorti tal-Appell, u c-cens ghadu ezistenti u hu ghadu kompartecipi fih. Inoltre Guido Debattista fil-kontroezami li sarlu accetta li sid il-mahzen hu l-Ufficcju Kongunt (fol. 42 tal-process).

“Ghalhekk din it-talba ma jisthoqqilhix tigi milqugha.

“**Bazi tal-azzjoni**

“Din it-talba wkoll saret minn Mario Debattista.

“L-Ufficcju Kongunt qua direttarju ghamel ittri ufficjali kontra l-ahwa Debattista ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12. Din l-ittra ufficjali datata 29 ta’ Ottubru 2010 tikkontjeni talba ghal hlas ta’ €15,152.82 arretrati ta’ cens dovuti mill-ahwa Debattista bejn it-8 ta’ Novembru 1993 u 7 ta’ Novembru 2011.

“Din l-ittra giet notifikata skond il-ligi u l-ahwa Debattista qed jopponu ghat-talba, ghax altrimenti fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni fi zmien ghoxrin jum tali ittra ufficjali kienet tekwivali sentenza u tirrendi ruhha titolu ezekuttiv.

“**Obbligazzjoni divizibbli**

“Din it-talba saret mill-ahwa Debattista kollha. L-ahwa Debattista flimkien fi kwoti indaqs akkwistaw is-subcens tal-mahzen mertu ta’ din l-azzjoni. L-awtur taghhom cioe Joseph Debattista ittrasferixxa parti mic-cens li kellu fuq art akbar meta bena mahzen fuq parti minn din l-art. L-artikolu 1502 tal-Kodici Civili jghid illi c-cens ma jistax jigi diviz minghajr il-kunsens tal-dominus sakemm ic-cens ma jkunx inghata lil aktar min persuna wahda separatament jew sakemm parti tac-cens ma jkunx gie trasferit lil terzi sussegwentement kif inhu l-kaz prezenti. Il-portata ta’ dan l-artikolu jikkonferma l-principju li c-cens ta’ proprjeta mhux divizibbli pero censwalist li jrid jitrasferixxi parti mic-cens jista’ jaghmlu basta l-qsim tac-cens ikun proporzjonali mal-parti mill-proprjeta trasferita. Dan ma jbiddilx mill-indivizibilita tac-cens fuq il-parti trasferita u bl-ebda mod ma jfisser kif qed jigi mitlub mir-rikorrenti illi t-tlett ahwa Debattista li akkwistaw permezz ta’ kuntratt wiehed ta’ subcens huma responsabbli ghal parti taghhom diviza tac-cens pattwit. Tant hu hekk illi l-artikolu 1503 ighid illi kopossessur ta’ cens li jhallas ic-cens kollu ghandu dritt ta’ rivalsa ghal sehem il-kopossessuri l-ohra (ara fuq il-principju li jsawwar l-artikolu 1502 **Filati Limited vs Tramps Limited et**, App Civ 815/2003).

“Ghalhekk anki din it-talba ghandha tigi michuda.

“**Solidarjeta**

“Mhux hekk biss izda f’dan il-kaz din il-Qorti tqis li kull wiehed mill kopossessuri tal-fond cioe t-tlett ahwa Debattista huma solidament responsabbli ghal hlas tac-cens. Is-solidarjeta mhix prezunta sehem

mhux dikjarata mill-ligi jew miftehma. L-artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc jistipula hekk:

> "115. (1) Fl-obbligazzjonijiet kummercjali, hu prezunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kodebituri huma obbligati in solidum.

"Ma hemmx dubbju illi l-obbligazzjoni cioe c-cens tal-mahzen hi wahda kummercjali billi jikkoncerna l-uzu ta' mahzen mnejn l-ahwa Debattista kienu jiggestixxu n-negozju taghhom. In-natura tal-obligazzjoni ghalhekk tikkreja s-solidarjeta bejn il-kodebituri kif trid il-ligi.

"**Oppozizzjoni minhabba preskrizzjoni**

"L-ahwa Debattista kollha qed jopponu ghal parti kbira tat-talba hlief l-ahhar hames snin cens ghax qed jargumentaw li l-ammont pretiz hu preskritt a bazi tal-artikolu 2156(a) u (g) tal Kap. 16.

"B'nota pprezentata fl-atti ta' din il-kawza mill-ahwa Debattista eskluz Mario, (fol. 22 tal-process) huma qablu li c-cens hu ta' Lm210 fis-sena (€489.16), pero jsostnu li kull ammont pretiz mill-Ufficcju Kongunt qabel is-7 ta' Novembru 2005 hu preskritt u ghalhekk hu dovut biss l-ahhar hames snin cens ammontanti ghal €2,445.84.

"F'dan l-istadju hu opportun li l-Qorti tikkonsidra r-risposta tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt li tikkoncerna l-kontradizzjoni apparenti bejn il-kontenzjoni tal-preskrizzjoni u dak li jinghad mill-ahwa Debattista (eskluz Mario) li l-ammont mitlub hu esagerat. Il-Qorti tqis li ma hemm ebda kontradizzjoni billi fin-nota tal-ahwa George u Guido Debattista jirrizulta ex admissis li huma debituri tal-Ufficcju Kongunt pero mhux fl-ammont pretiz mill-Ufficcju u f'dan is-sens l-ammont mitlub hu esagerat. Ghalhekk il-Qorti qed tiskarta dan l-ilment tal-Ufficcju Kongunt.

"Kif inghad ir-rikorrenti Debattista qed jopponu ghat-talba tal-Ufficcju Kongunt minhabba preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2156(a) u (g). Filwaqt li l-artikolu 2156(a) jitkellem specifikament rigward cnus fost affarijiet ohra, l-artikolu 2156(g) jitkellem fuq kreditu partikolari dovut tal-Gvern ta' Malta. Din il-Qorti tqis illi l-applikabilita ta' wahda jew l-ohra jew it-tnejn mis-subartikoli msemmija ghall-fattispecje tal-kaz in ezami hi akkademika billi l-perjodu preskrittiv f'kull kaz hu ta' hames snin u ma hemm ebda eccezzjoni tal-Ufficcju Kongunt illi l-artikolu 2156 mhux applikabbli ghal finijiet tal-kontestazzjoni, kemm-il darba jigi pruvat.

"Kif inghad fil-kawza **Paolo Calleja u Luigi Vella**, App Civ 15/04/1964, meta tigi eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hu kwinkwennali jispetta lil min jeccepiha li jipprova li l-hames snin ikunu

ghalqu jew skadew. Minn naha l-ohra jekk dan jigi ppruvat, imiss imbaghad lill-atturi li jipprovaw illi l-kors tal-preskrizzjoni kien gie validament interott.

“Guido Debattista fl-affidavit tieghu a fol. 25 tal-process ighid b’referenza ghat-talba maghmula mill-Joint Office ghal hlas tac-cens bejn it-8 ta’ Novembru 1993 u s-7 ta’ Novembru 2011:

> “B’dan mhux qed nghid li c-cens thallas izda li l-ammont li qed jitolbu mhux vera nafuh ghax ghadda z-zmien favur taghna. B’dan nispjega li jien naf li l-ligi taghti persuna zmien partikolari biex jigbor dak li jkun qed jitlob, u meta tlabt parir wara li rcevejna l-karti, sirt naf li fejn jidhol cens tal-Joint Office kellhom zmien hames snin biex jitolbuni dan l-ammont b’xi karta fil-Qorti, u jien qed nitlob lill-Qorti tapplikali dan id-dritt u xejn aktar ... Fil-fatt l-ittra tal-Qorti hija datata 29 ta’ Ottubru 2010 u jien ircevejtha madwar gimgha wara.”

“Fil-kontroezami Gudio Debattista qal li kienu saru xi hlasijiet tac-cens tal-Kurja izda ma jidhirlux li qatt saru xi hlasijiet lill-Ufficcju Kongunt. Jiftakar li ntbaghtet l-ittra tat-22 ta’ Mejju 2001 mill-avukat tieghu (fol. 19 tal-process) pero ma jiftakarx jekk intbaghtitx lil-Kurja jew lil Joint Office.

“Iktar il-quddiem fil-kontroezami, mistoqsi dwar il-paragrafu ta’ qabel l-ahhar imsemmi fl-ittra tal-2001 cioe rigward il-preskrizzjoni ta’ dak kollu dovut qabel is-6 ta’ Novembru 1996, Gudio Debattista irrisponda hekk:

> “Dak iz-zmien spiccajna kif qed nghidu jien u hija George kellna dizgwid mal-iehor (cioe huhom Mario) u b’hekk ma sarux il-pagamenti.”

“Huh George Debattista qabel mal-kontenut tal-Affidavit ta’ Guido Debattista.

“Fil-kontroezami li sarlu fil-25 ta’ Ottubru 2011, jixhed illi jaf illi mill-1996 sallum qatt ma thallas ic-cens u iktar il-quddiem ighid li jaf li kellu jhallas cens flimkien ma’ hutu u li qatt ma hallas ghax qatt ma rceva biex ihallas hlief meta saret l-ittra ufficjali. Mistoqsi jekk huh Guido qattx qallu bl-ittri esebiti fil-process (fol. 11 sa 18) qal illi ma jiftakarx. Hu tenna li ma hallsux ghax qaghad fuq il-parir tal-avukat li kien ghadda z-zmien biex l-Ufficcju Kongunt jitlob il-hlas.

“Jigi precizat mill-Qorti illi fil-konfront ta’ Guido u George Debattista l-Ufficcju Kongunt ma pprevaliex ruhu mill-gurament decizorju skond l-artikolu 2160 tal-Kodici Civili u qed jistrieh fuq mezz iehor permess mill-ligi biex iwaqqa’ l-preskrizzjoni eccepita cioe l-ammissjoni tal-kreditu jew l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni eccepita.

"Jirrizulta mill-affidavit ta' Vincent Falzon, Direttur tal-Ufficcju Kongunt (fol. 33 tal-process) illi apparti l-ittra ufficjali li ntbaghtet fid-29 ta' Ottubru 2010, ma saret ebda interpellazzjoni ufficjali ohra ghajr ittri legali riportati minn fol. 11 sa 18 tal-process li jibdew mill-10 ta' Dicembru 1998 sa dik tat-2 ta' April 2009. L-Ufficcju Kongunt qed jistrieh in parti fuq l-interruzzjoni maghmula bl-ittra tal-konsulent legali tal-ahwa Debattista tat-22 ta' Mejju 2001 fejn hemm ammissjoni li semmai l-ammont ta' cens dovut ghandu jibda jiddekorri mis-7 ta' Novembru 1996 ghax ghal bqija hu preskritt.

"Pero din il-Qorti tirrileva illi anki din l-interruzzjoni jew ammissjoni hi wahda bla effett ghax kif qalet il-Qorti fil-kawza **Direttur Generali tax-Xogholijiet vs John Bartolo**, App Civ 121/199 deciza 29/10/2004), ghandu japplika dik li jipprovdi s-subartikolu (2) tal-artikolu 2136 tal-Kodici Civili billi jigi dikjarat li wara l-interruzzjoni maghmula bl-ammissjoni parzjali tal-2001 rega' beda jiddekorri l-perjodu preskrittiv kontemplat fl-artikoli 2156(a) u (g) u ghaddew aktar minn hames snin qabel saret l-ittra ufficjali tal-2010.

"Madankollu l-Qorti trid taghti piz lix-xiehda in kontroezami ta' Guido u George Debattista fejn huma ma jistqarrux li mhux debituri izda li l-hlas ma sarx ghax kellhom dizgwid fin-negozju ma huhom Mario u li qatt ma revew talba ghall-hlas. Kwindi huma jammettu li l-hlas ma sarx u ma sarx minhabba dizgwid bejn l-ahwa li ghadu vigenti sallum bil-kawza bejn l-ahwa fl-istadju tal-appell.

"Kif qalet il-Qorti fid-decizjoni a **Vol XXXVII p1 p307**:

> "ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompattibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma premessa mill-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni"
>
> (ara wkoll **Austin Psaila vs Lother Slabick** App Inf 9.02.2005)

"Fis-sentenza **Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Canee noe** jinghad hekk:

> "Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista' tkun … indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompattibbli mal-volonta tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi ruhu b'mod li jianifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonoxxix id-dritt"

“Ovvjament kif ighidu **Maceade u Pont** (Spiegaz. Teor. Punt. Cod. Nap. XI p190 para 179) *nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, la prova appartiene a colui che la invoca*.

“Fost is-sitwazzjonijiet ta’ interruzzjoni insibu dawk is-sitwazzjonijiet previsti fost l-ohrajn fl-artikolu 2133 tal-Kodici Civili cioe dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt jew dawk fl-artikolu 2134 fejn hemm hlas jew anki tpattija.

“Meta tqis dak li jghidu u jammettu George u Guido Debattista wiehed jista’ jikkonkludi biss illi c-cens qatt ma thallas u dan hu ammess minnhom, anki jekk irvecew diversi interpellazzjonijiet bonarji. Jirrizulta wkoll illi meta rcevew l-interpellazzjoni ufficjali, li ghandu sahha dupplici cioe dak li jservi ta’ interruzzjoni ta’ preskrizzjoni u jekk abbinata ghal dan il-kaz mal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 jista, jkollha effett ta’ sentenza, l-ahwa George u Guido Debattista marru ghand l-avukat li spjegalhom li mhix tenuti jhallsu ghal aktar minn hames snin. Huma accettaw li juzaw il-mezz li taghti l-ligi biex jehilsu minn obbligazzjoni minhabba n-nuqqas tal-kreditur li juza l-mezzi li taghtih il-ligi ghal gbir ta’ dak dovut lilu fiz-zmien utili biex jigbru.

“La darba l-Ufficcju Kongunt naqas li juzufurixxi mid-drittijiet legali tieghu ma jistax juza l-ligi biex jirkupra dak li legalment gie nieqes ghalih sakemm ma jgibx il-prova li d-debitur jirrikonoxxi li hu d-debitur jew li l-komportament u l-azzjonijiet huma tieghu tali li c-cahda tal-kreditu pretiz mhux rikoncilljabbli mal-azzjoni jew il-komportament tieghu.

“Il-Qorti tqis li l-Ufficcju Kongunt ma rrnexxilux jasal sa din il-prova. Il-fatt li George u Guido jammetu li ma hallsux ma jfissirx li qed jirrikonoxxu d-debitu. Il-volontarjeta tar-rikonoxximent ma tirrizultax la mill-kliem u lanqas minn ebda fatt iehor relevanti hlief kif inghad fl-ittra tal-konsulent legali tal-2001 li interrompiet il-preskrizzjoni li pero regghet giet preskritta bit-trapass taz-zmien.

“Il-Qorti pero tirrileva illi fil-kuntest ta’ Mario Debattista, id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt ghazel it-triq tal-gurament decizjorju skond l-artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi specifikament li dawk il-preskrizzjoni hemm immsemmija, inkluz il-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2156 m’ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-guramnet, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.

“Mario Debattista meta nghata l-gurament decizjorju naqas li jirrispondi fit-termini tal-artikolu 2160. Anzi hu qal li jaf li c-cens mhux imhallas u billi kellu kwistjoni ma’ hutu ma jafx x’kien qed jigri u hadd ma kellmu u hadd ma qallu xejn. Din ir-risposta mhix dak li jrid l-artikolu 2160 u fl-ebda hin Guido Debattista ma jistqarr li mhux debitur anzi jammetti li c-cens mhux imhallas. Ghalhekk fil-konfront tieghu t-talba tal-preskrizzjoni kwinkwennali ma tistax tintlaqa’. Il-ligi trid

risposta skjetta u inkonfutabbli meta mistoqsi taht il-gurament decizjorju. Mario Debattista naqas li jaghti r-risposta rikjesta u evada d-domandi cari li setghu kieku ried iwasslu ghar-risposta semplici da parti tieghu ghal cahda tad-debitu. Hu jghid biss li ma hallas l-ammont mitlub mill-Ufficcju Kongunt u jonqos li jirrispondi t-tieni parti tad-domanda maghmula mill-avukat tal-Ufficcju Kongunt fil-25 ta' Ottubru 2011. Din ghal Qorti tnehhi d-dritt ta' Mario Debattista li jeccepixxi l-preskrizzjoni.

"**Ksur tal-preskrizzjoni hi applikabbli bejn il-kodebitur**

"Il-ksur tal-preskrizzjoni maghmula minn kodebitur wiehed jiswa biex jikser il-preskrizzjoni ghal kodebituri kollha. L-artikolu 1100 tal-Kodici Civili jghid illi r-rikonoxximent tad-debitu u kull att li jista' jinterrompi l-preskrizzjoni ghal kull wiehed mid-debituri solidali tinterrompi l-preskrizzjoni anki fil-konfront tad-debituri l-ohra.

"F'dan il-kaz billi l-preskrizzjoni qed tigi miksura fil-konfront ta' Mario Debattista, tali preskrizzjoni qed tigi miksura wkoll fil-konfront tal-ahwa Guido u George Debattista billi kif inghad aktar 'l fuq l-ahwa Debattista huma solidament debituri fil-konfront tal-kreditur cioe l-Ufficcju Kongunt, ghal hlas tac-cens.

"**Decide**

"Billi l-aggravju li qed jistriehu fuqhom ir-rikorrenti George u Guido Debattista mhux gustifikati in kwantu (1) ma hemmx preskrizzjoni applikabbli favur taghhom kif eccepit minnhom skond l-artikolu 2156(a) u (g) tal-Kapitolu 16 ghar-ragunijiet moghtija; (2) hemm solidarjeta bejn ir-rikorrenti ghal hlas tac-cens, il-Qorti qed tichad it-talbiet tar-rikorrenti biex jigi revokat jew varjat it-titolu ezekuttiv akkwistat mid-Direttur tal-Ufficcju Kongunt permezz tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2010.

"Bl-ispejjez kontra l-ahwa Mario, Guido and George Debattista.

Kif jidher allura din is-sentenza cahdet it-talba tal-ahwa Debattista; sar allura dan l-appell minnhom li permezz tieghu qed jitolbu r-revoka tas-sentenza u li allura jigu milqugha t-talbiet taghhom f'kaz li jintlaqa' biss it-tieni aggravju tvarja s-sentenza billi tordna lil Mario Debattista jhallas l-ispejjez tal-kawza. L-appellat id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt talab il-konferma tas-sentenza fir-risposta tieghu izda appella wkoll

incidentalment rigward il-parti fejn l-ewwel Qorti iddikjarat li l-istess Direttur ma rnexxilux juri li d-difiza tal-preskrizzjoni ma kienitx rikonciljabbli mal-imgieba u d-dikjarazzjonijiet tal-appellanti l-ohra;

Il-Qorti ghalhekk, rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu l-ewwel il-partijiet qablu illi fil-parti intestata "decide" tas-sentenza appellata, l-ismijiet George u Guido Debattista kellhom jinqraw Mario Debattista, il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell u ikkonsidrat;

**AGGRAVJI**

Illi l-**ewwel aggravju** jirrigwardja l-istess domanda li saret lill Mario Debattista taht il-gurament decizorju; l-appellanti jsostnu illi d-domanda ma kienitx regolari. Fi ftit kliem jghidu li l-mistoqsija kellha tkun biss jekk kienx debitur tal-Ufficcju Kongunt u mhux jekk kienx hallas id-dovut u r-raguni ghaliex ma kienx hallas.

Riassunt ezemplari tal-materja saret mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et v. Mizzi** (7 ta' Dicembru 2005) ezebita wkoll a fol 74 tal-process, fejn intqal:

> "*Il-formula tal-gurament hi inalterabbli u l-allegat kreditur ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut, bhal per ezempju l-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghallformula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l-allegat debitur hi wahda jew l-*

> *ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265 (1) [illum 2160 (1)) Kodici Civili* - "**Tabib Principali tal-Gvern -vs- Giorgina Muscat"**, Appell Inferjuri, 8 ta' Marzu 1978;

Ghalhekk huwa minnu li d-domandi li jistghu jsiru lill-allegat debitur huma cirkoskritti mis-subinciz tal-artikolu in kwistjoni li jghid effettivament hekk;

> "Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa";

L-istess sentenza (**Zammit & Cachia v. Mizzi**) pero` tindika aktar il-quddiem gurisprudenza ohra li hija ta' ghajnuna f'din il-vertenza:

> "Il-konvenut **ex confessis** jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Toni Abela nomine –vs- Maurice Vassallo**", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "li kieku l-konvenut xehed li m' ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt";
>
> "Anke jekk il-fattispeci kienu distinti, jghodd ghal kaz dak stabbilit fid-decizjoni a **Vol. XXXVII P I p 307**, u cjoe, illi "ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni".

Fil-fatt dak huwa li gara f'dan il-kaz; l-imsemmi Mario Debattista, mistoqsi jekk kienx debitur versu l-Joint Office, irrisponda; "*jien naqbel li*

*ma hallastx*". Ghalhekk id-domanda ghalkemm forsi mhux impostata kif kellha tkun, irrikjediet da parti tieghu li jirrispondi jekk kienx veru jew le li kien debitur; kien huwa stess li ghazel jirrispondi bil-mod kif ghamel. Ghalhekk ladarba dan kien il-kaz, ma jistghux issa l-appellanti jilmentaw mill-mod kif irrisponda l-imsemmi defunt Mario Debattista; ma jirrizultax lanqas li saret xi opposizzjoni da parti ta' xi hadd minnhom ghad-domanda li saret fis-seduta in kwistjoni.

Dan l-aggravju allura huwa michud.

**It-tieni aggravju** huwa li fil-fatt Mario Debattista issodisfa d-dettami tal-artikolu imsemmi u allura l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bil-mod kif irrisponda ghad-domanda. Kif issemma huwa qal li kien qed jaqbel li ma hallasx; aktar tard mistoqsi mill-Qorti qal li ma hallasx ghax ghadda z-zmien u huwa ma kien irceva ebda intimazzjoni biex ihallas ghaliex kien waqaf milli jiffrekwenta l-fondi minn fejn kien isir in-negozju minn hafna snin qabel.

Kif gia` issemma u specifikament fis-sentenza **Abela v. Vassallo** fuq imsemmija, una volta l-konvenut jammetti illi ma hallasx, l-eccezzjoni imsemmija tfalli. L-istess sentenza fuq imsemmija **Zammit and Cachia v. Mizzi** tghid ukoll:

"F'materja ta' preskrizzjonijiet jinsab profess fis-sentenza "**Hilda Bartolo et -vs- Giuseppina Zammit et**", Qorti Civili, Prim'Awla, 13 ta' Jannar 1953 illi, "kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkombattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmijin, jigifieri inammisibilita`, interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni". F'dan il-kaz is-socjeta` attrici ghazlet il-mezz tal-giuramento decisorio definit fl-Artikolu 2160 (1) tal-Kodici Civili;

"Fil-kumment tieghu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Avv. Dr. Filippo Buttigieg -vs- Domenico Azzopardi**", Qorti Civili, Prim'Awla, 11 ta' Dicembru 1947, l-Onor. Imhallef Tancred Gouder jenuncja illi, "id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2265 (illum 2160) tal-Kodici Civili taghna hija dissimili mid-disposizzjoni analoga tal-Kodici Civili Taljan. Ghal dak il-Kodici, di fatti, il-gurament deferit lid-debitur li jopponi dawn il-preskrizzjonijiet brevi, huwa intiz biex jigi accertat jekk realment kienx hemm l-estinzjoni tad-debitu; mentri skont il-Kodici Civili taghna l-formula tal-gurament li jigi deferit lill-pretiz debitur hija dik li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. L-ewwel parti tikkomprendi tant l-mankanza, ghal kull raguni, kemm l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni bil-hlas; it-tieni parti tissupponi l-obbligazzjoni u tpoggi fi kwestjoni l-estinzjoni taghha …. Ghalhekk filwaqt li ghall-Kodici Taljan dawn il-preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament tad-debitur, skont il-Kodici taghna dawn l-istess preskrizzjonijiet jistghu jigu eccepiti anki mal-kontestazzjoni tad-debitu"

"Issokta jigi precizat mill-istess Imhallef insenji fis-sentenza "**Vincenzo Cauchi -v.- Giovanni Scerri**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955, illi "fil-kaz li d-debitur jaghzel li jahlef skont l-ewwel alternattiva, l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta jekk ma jahlefx li mhux debitur. Jekk hu jahlef li ma jafx li ghandu jaghti, il-gurament tieghu ma jiswiex biex isostni l-preskrizzjoni, ghax li ma jafux li l-haga ghadha dovuta jistghu jahilfu biss il-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew l-ohrajn li l-jeddijiet taghhom ikunu gejjin minn dik il-persuna";

Huwa ghalhekk evidenti minn dawn il-brani li l-aggravju huwa infondat.

Allura peress li dan ifisser li wiehed mid-debituri ammetta d-dejn, "*Ghar-rigward tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni b'gheluq ta' hames snin, ….. ghandu jigi precisat li "L-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri in solidum, u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-*

*werrieta taghhom*" – (**Buhagiar nomine v. Arrigo nomine**, Prim'Awla 9 ta' Ottubru 2003). Kwindi l-preskrizzjoni inkisret kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, anke fil-konfront tal-appellanti l-ohra.

**Dan l-aggravju huwa allura michud.**

**It-tielet aggravju jirrigwardja l-ispejjez tal-kawza**; l-appellanti jghidu li f'kaz li l-ewwel aggravji ma jigux milqguha, huma qatt ma kellhom jigu addossati l-ispejjez tal-kawza, peress illi din il-kawza intavolaha Mario Debattista u kwindi l-ispejjez kellhom jigu addossati lilu.

Stabbilit dan, ma hemmx lok li jigi ezaminat l-appell ta' Mario Debattista peress li dan ghamel l-istess talba u a bazi tal-istess aggravji. Huwa car illi l-Qorti kellha tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez skont l-Artikolu 223 (1) tal-Kap. 12 illi jghid li l-Qorti ghandha tikkundanna l-parti *telliefa* biex thallas l-ispejjez tal-kawza filwaqt li s-subinciz (3) jghid li l-Qorti tista' tikkundanna lill kull parti thallas l-ispejjez taghha *meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra nghatat fuq punt legali izda biss jekk jindahlu xi punti specjali ta' ligi.*

Ghalkemm huwa minnu li l-proceduri intavolahom Mario Debattista, huwa evidenti li l-appellanti kienu qed isostnu l-posizzjoni tieghu u infatti fil-kawza l-ohra li qed tigi deciza illum, huma wkoll intavolaw proceduri

simili. Ghalhekk ghal kull fini tal-kawza, huma wkoll kienu telliefa, u kwindi l-Qorti ma jidhriliex li ghandha tiddipartixxi mid-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward.

Jibqa' allura l-**aggravju tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt**, illi allura ghandu biss validita` prattika ghar-rigward tal-ispejjez tal-istess appell. L-aggravju tieghu huwa li kontrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, anke George u Guido Debattista kisru huma stess bid-deposizzjonijiet taghhom il-preskrizzjoni invokata minnhom.

F'dan ir-rigward, "*jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni*". (**Kollez. Vol. XXX P I p 989)**. Ghaldaqstant dak li hu importanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**);

Minn ezami tal-provi jidher li f'dan l-aspett l-ewwel Qorti li kellha l-opportunita` tisma' l-provi hi, wara li analizzat l-istess deposizzjonijiet, waslet ghall-konkluzjoni li ma kien hemm ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz. Huwa risaput u ripetut divesi drabi minn din il-Qorti, li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-

Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti.*" Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); u senjatament fis-sentenza **Frendo v. Agius** (1 ta' Frar 2008); "*Qabel xejn ghandu jigi mill-gdid rilevat li din il-Qorti hija ggwidata bil-principju, ormai ben assodat, li bhala Qorti ta' revizjoni, hija bhala regola m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun ghamlet tal-provi migbura minnha stess. Din il-Qorti normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatt li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk hija tkun sodisfatta li huwa b'dan il-mod biss li hija tkun tista' tikkoregi ingustizzja manifesta*".

Din il-Qorti wara li ezaminat l-atti ma tirriskontra ebda ingustizzja kawzata lill-appellant incidentali imsemmi u allura se tikkonferma anke din il-parti tas-sentenza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata interament (kif korretta minn din il-Qorti fil-mori tal-appell b'digriet taghha tal-10 ta' Mejju 2016) kompriz il-kap tal-ispejjez; tichad ukoll l-appelli incidentali tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt. L-ispejjez tal-appellant principali jkunu a kariku tal-appellanti; dawk tal-appell incidentali a kariku tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb